MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 174/1999/2

**Cutalex Tourist Company Limited**

**vs**

**Pamela Rose Wathen f'isimha proprio, kif ukoll bhala mandatarja specjali ta' l-assenti binha Anthony James Wathen u Amanda Jane Wathen u Lawrence u Maria, konjugi Buhagiar**

**Il-Qorti:**

## Preliminari

1. Is-socjeta’ attrici appellanti qeghda tharrek civilment lill-appellati fil-Prim’ Awla tal-Qorti Civili biex jigi dikjarat li hemm ksur ta’ kuntratt dwar enfitewsi, biex din tigi xolta, biex tigi dikjarata nulla kirja naxxenti mill-istess koncessjoni enfitewtika, biex jigi dikjarat li l-appellati qed jokkupaw il-fond suggett tal-koncessjoni bla ebda titolu, u li ghalhekk jigu zgumbrati, biex jigi dikjarat li l-atturi qed isofru danni, u biex jigu likwidati u mhallsa dawk id-danni.

2. Illi meta s-socjeta’ appellanti giet biex tressaq provi dwar id-danni minnha allegatament sofferti hija sabet ruhha f’intopp. Fil-kors ta’ xhieda moghtija minn Alex Cutajar prodott minnha fis-seduta datata 13 ta’ Frar 2001, l-imsemmi xhud ipprezenta bhala “dokument originali”, rapport maghmul minn persuna li huwa sejjah bhala “konsulent ekonomiku” li ismu ma kienx jidher fost dawk indikati fil-lista tax-xhieda tas-socjeta’ attrici. Wara l-prezentata ta’ dan ir-rapport “ex parte” bhala parti mill-provi s-socjeta` attrici mbaghad talbet ukoll biex tipproduci bhala xhud taghha lil dan l-espert li gie indikat bhala Alfred Mifsud.

3. B’digriet moghti fl-4 ta’ April 2001, il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili ddekretatat li fl-ewwel lok ma takkoljix it-talba tas-socjeta` attrici ghall-produzzjoni ta’ dan ix-xhud gdid, u oltre dan ordnat ukoll l-isfilz ta’ dak ir-rapport “ex parte” esebit bhala Dok AM1 fit-13 ta’ Frar 2001.

4. Is-socjeta’ appellanti qeghda allura tappella minn dan id-digriet u qeghda titlob ir-revoka tieghu u dan ghal zewg finijiet, igifieri, biex (i) jerga’ jigi infilzat fl-atti id-dokument AM1 surreferit u (ii) sabiex Alfred Mifsud, l-espert ekonomiku, jigi ammess bhala xhud gdid tas-socjeta` appellanti.

5. Il-kontroparti konvenuta qeghda topponi u toggezzjona ghal din it-talba u ssostni li d-digriet moghti kien wiehed gust u korrett.

Semghet it-trattazzjoni ta’ l-appell.

## KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI

6. Il-Qorti tibda billi taghmel riferenza ghas-sentenza in parte moghtija minnha fis-6 ta' Dicembru 2002 li fiha ddecidiet billi cahdet l-oggezzjoni preliminarja sollevata mill-appellati Lawrence u Maria, konjugi Buhagiar, dwar l-eccepita inammissibilita` ta' l-appell interpost mis-socjeta` attrici appellanti. Isegwi ghalhekk li issa jrid jigi deciz l-appell fil-mertu, debitament trattat mill-partijiet fil-kawza.

7. L-aggravju tas-socjeta` attrici jirreferi kemm ghac-cahda tat-talba taghhom quddiem l-ewwel Qorti ghall-produzzjoni ta' dokument li tieghu gie ordnat l-isfilz, kif ukoll ghall-produzzjoni ta' xhud "gdid" in kwantu mhux dikjarat fil-lista tax-xhieda akkompanjanti l-att tac-citazzjoni.

8. "Di diritto" jigi rilevat li l-istitut dwar il-procediment b'citazzjoni huwa regolat fil-ligi Maltija fl-Ewwel Taqsima, Titolu II, Artikolu 154 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Artikolu 156(4) jistipula li l-attur ghandu jaghti wkoll mad-dikjarazzjoni akkompanjanti l-att tac-citazzjoni, l-ismijiet tax-xhieda li jkun fi hsiebu jgib. Fil-kaz in ezami huwa pacifiku li dan ma sarx. Di fatti s-socjeta` appellanti ssostni li hija kien irnexxielha ssib persuna esperta adatta biex tirredigi rapport dwar id-danni li qed issofri s-socjeta` wara li kienet diga` giet intavolata din il-kawza, u li kien ghalhekk li din il-persuna ma gietx indikata bhala xhud. Kif tajjeb gie rilevat mid-difensuri tal-kontendenti, din il-materja rigwardanti xhud mhux dikjarat tinsab regolata bl-artikolu 156(7) tal-istess Kap. Fl-ewwel lok il-ligi tistabilixxi r-regola, igifieri li "l-Qorti ma ghandha thalli lill-ebda xhud jingieb sakemm dan ma jkollux ismu mnizzel flimkien mac-citazzjoni". Imbaghad, dan is-sub-inciz ikompli hekk:
"Meta l-htiega ghall-produzzjoni ta' xhud tinqala' wara li tkun giet prezentata c-citazzjoni, jew meta l-parti kuntrarja taghti l-kunsens taghha bil-mod kif jinghad fil-paragrafu (c) tas-sub-artikolu (1) ta' l-Artikolu 150, jew jekk il-Qorti jidhrilha li jkun fl-interess tal-gustizzja li tisma' lil xi xhud partikolari, il-Qorti tista' thalli lil dak ix-xhud jinstema'".

L-artikolu 150(1)(c) tal-Kap. 12 jghid hekk,

“Meta dokument ma jigix migjub kif stabbilit fl-arkololu 145, dan id-dokument jista’ jingieb biss-

omissis

(c) meta fil-parti kuntrarja, b’nota separata, jew b’notament fil-genb, jew fit-tarf tan-nota li biha d-dokument jingieb, taghti l-kunsens taghha.”

Jinghad bla tlaqliq li bil-maqlub ta’ dak li gie sottomess ma jirrizultax li f’xi stadju l-partijiet appellati taw xi kunsens lis-socjeta` appellanti, la ghall-fini ta’ produzzjoni tax-xhud in kwistjoni u lanqas ghal fini ta’ produzzjoni ta’ dokument li in realta` kien jikkonsisti f’relazzjoni “ex parte”.

9. In sostenn, ossija gustifikazzjoni, tat-talba taghha biex tipproduci dan ix-xhud gdid, is-socjeta` appellanti tissottometti li hija “ma kenitx ghal kurrenti ta’ konsulenti ekonomici ta’ din ix-xorta”.

Mill-atti jirrizulta li s-socjeta` attrici, meta giet biex taghmel il-provi dwar id-danni li allegatament hija sofriet, hija dehrilha opportun li taghmel uzu ta’ ekonomista, fil-persuna ta’ certu Alfred Mifsud, xhud mhux dikjarat u dan dikjaratament bhala “konsulent ex-parte”. Ghalhekk saret talba lill-ewwel Qorti f’dan is-sens.

Anke hawn, pero`, din il-Qorti hija tal-fehma li l-bazi ghat-talba tal-appellanti, almenu kif impostata, hija wahda legalment infondata, anzi wahda frivola ghall-ahhar. L-asserzjoni li ma setax jinstab espert ekonomista hlief wara li giet intavolata l-kawza fiha nfisha hija diga` asserzjoni debboli. Imqar jekk is-socjeta` attrici kienet ghadha ma llikwidatx bl-ezatt id-danni li qeghda tirreklama mill-kontroparti konvenuta fil-mument li intavolat il-kawza – kif suppost li kienet ghamlet – xorta wahda l-mod kif ipprocediet is-socjeta` attrici kien wiehed zbaljat. L-Artiklu 644 tal-Kap. 12, in fatti, jipprovdi espressament kif ghandha ssir il-prova bil-mezz ta’ perit. <u>Din il-prova tigi</u>

<u>ordnata fuq talba tal-partijiet jew ta' wahda minnhom inkella mill-Qorti minn jeddha</u>. Is-socjeta` appelalnti tippretendi li setghet tinjora dan kollu u taqbad ttella' espert taghha "ex parte" minghajr lanqas biss ma kien dikjarat bhala xhud!

10. Ulterjorment, is-socjeta` appellanti tissottometti li "l-ammissjoni ta' dan ix-xhud bhala xhud gdid bl-ebda mod ma tippregudika l-fakolta` li ghandha din l-Onorabbli Qorti biex, jekk ikun il-kaz u jekk tinsab persuna hekk adatta, u tappunta espert hi ai termini ta' l-artikolu 644 tal-Kap. 12".

Mis-suespost, jekk mhux hag'ohra, tohrog konferma tal-kontenut frivolu ta' dak li qeghda tissottometti s-socjeta` appellanti. Filwaqt li tirrileva hi stess x'tiddisponi l-ligi tal-procedura f'materja ta' perizji, tippretendi li b'mod ghal kollox irritu tipproduci bhala prova taghha xhud espert li lanqas biss ma seta' jittella' bhala xhud ordinarju. Il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha ghalfejn tkompli tiddilunga aktar dwar dan l-aggravju. Izzid biss li l-konsiderazzjoni l-ohra dwar il-possibilita` ta' ammissjoni ta' xhud mhux dikjarat "jekk il-Qorti jidhrilha li jkun fl-interess tal-gustizzja li tisma' lil xi xhud partikolari" ghandha dejjem tinftiehem u tigi interpretata fl-ambitu tar-regola li tghid li kull xhud ghandu jigi dikjarat minn qabel u mhux wara li jibdew il-proceduri. Is-socjeta` attrici ma ggistifikat bl-ebda mod it-talba taghha li tressaq dan ix-xhud gdid wara li kienet bdiet il-kawza billi r-ragunijiet minnha moghtija huma fiergha.

11. L-aggravju l-iehor jirrigwarda produzzjoni ta' dokument dwar danni reklamati mis-socjeta` appellanti, li l-ewwel Qorti ordnat l-isfilz tieghu. L-appellanti hawn ukoll tissottometti li dan id-dokument "gie esebit regolarment bhal kull dokument iehor li jigi pprezentat waqt it-trattazzjoni ta' kawza" u anzi "iktar minn hekk dan id-dokument gie pprezentat proprju fuq talba tal-kontroparti stess ….".

12. Mid-digret mertu ta' dan l-appell, u li kien inghata mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' April 2001 (fol 79 – 80 tal-process), jirrizulta li dik il-Qorti kienet ordnat l-isfilz ta' dan id-dokument bhala konsegwenza diretta tac-cahda taghha

li jigi prodott b'xhud li l-espert konsulent "ex parte". Fil-fatt tajjeb li jinghad li dan id-dokument kien jikkonsisti f'relazzjoni teknika "ex parte". Aktar qabel dik il-Qorti gustament irrilevat hekk.
"Illi l-artikolu 563A tal-Kap 12 jippermetti xhieda ta' esperti izda dawn ghandhom jissejhu bhala xhieda sabiex jaghtu l-opinjoni taghhom dwar il-mertu tal-kaz bla pregudizzju ghad-drittijiet tal-Qorti kontemplati fl-artikolu 681 u 646 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta".

Jidher evidenti li s-socjeta` appellanti riedet tinqeda bil-produzzjoni tad-dokument de quo, li wara gie sfilzat mill-ewwel Qorti, biex permezz tieghu hija tkun tista' mbaghad tipproduci l-awtur tieghu bhala xhud biex jikkonfermah u jelabora dwaru, minkejja li kif ntqal dan ix-xhud ma setax jigi ammess bhala xhud.

13. Lanqas ma huwa minnu li l-parti appellata accettat il-produzzjoni ta' dan id-dokument billi kkonsentit li jigi hekk prodott. Ghal kuntrarju, kif appena l-parti konvenuta skopriet li dan id-dokument kien jikkonsisti f'relazzjoni "ex parte" kontenenti fehmiet ta' "xhud" li lanqas biss ma kien gie indikat bhala tali, hija kienet pronta li tintavola l-oggezzjoni taghha.

Fl-ahharnett din il-Qorti taghmilha cara li ma hijiex lesta li tippermetti lil xi parti li tinqeda bir-regoli tal-proceduri biex tipprova "ddawarhom" b'mod u manjiera biex dak li huwa vjetat mil-ligi jinghata sembjanza ta' legalita`.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddisponi mill-appell tas-socjeta` appellanti kwantu ghall-produzzjoni tax-xhud Alfred Mifsud u tad-dokument fuq imsemmi billi, filwaqt li tikkonferma d-digriet appellat, tichad l-appell tas-socjeta` appellanti, bl-ispejjez doppji kontra taghha, u tordna li mill-aktar fis l-atti tal-kawza jigu rinvjati quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad ghall-fini ta' kontinwazzjoni tas-smiegh tal-kawza skond il-ligi.

-------------------------------TMIEM-------------------------------